Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**10138/26**

**ECOFIN 746**
**UEM 224**
**SOC 334**
**EMPL 163**
**COMPET 693**
**ENV 636**
**EDUC 218**
**ENER 335**
**JAI 747**
**GENDER 74**
**JEUN 115**
**SAN 411**
***ECB***
***EIB***

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 221 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal<br>RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Polonja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 221 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 221 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026
COM(2026) 221 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Polonja**

{SWD(2026) 221 final}

MT MT

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Polonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jipprevjeni deficits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħhom.

(2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509([2]). Il-proposta għandha l-għan li żżid l-

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, it-30 ta' April 2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

[2] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament

effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u li tappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom skont l-Artikolu 175 TFUE.

(3) Fil-25 ta' Novembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lill-Polonja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro([3]) fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

(4) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni matul il-5 snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, u dan jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri tal-UE jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

(5) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)([4]). Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti jew subsett sinifikanti minnhom, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(6) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Polonja. Fih ġie vvalutat il-progress tal-Polonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ttieħed kont tal-implimentazzjoni tal-RRP tal-Polonja. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Polonja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Polonja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-

(UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025) 565 final. Ir-Regolament propost, bħalissa, huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġiżlaturi.

[3] ĠU C, C/2026/2434, it-28 ta' April 2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.02.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(7) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, wara l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Polonja ([5]). Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 4 snin. Il-Kunsill irrakkomanda dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta: 6,3 % fl-2025, 4,4 % fl-2026, 4,0 % fl-2027, u 3,5 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati massimi ta' tkabbir kumulattiv ikkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2023 ta' 19,6 % fl-2025, 24,9 % fl-2026, 29,9 % fl-2027, u 34,4 % fl-2028. Għas-snin 2025–2028, dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta jikkoinċidu mal-perkors korrettiv, kif rakkomandat mill-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE fil-21 ta' Jannar 2025, bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv ([6]). Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar azzjoni effettiva tat-3 ta' Ġunju 2026 ([7]), il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għall-Polonja qed tinżamm sospiża.

(8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fin-nefqa fid-difiża([8]) u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tal-Polonja, fit-8 ta' Lulju 2025 il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lill-Polonja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta ([9]). Il-perjodu meta tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali (2025-2028) tippermetti lill-Polonja tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern sabiex nefqa ogħla fit-tul fuq id-difiża ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.

(9) Fit-30 ta' April 2026, il-Polonja ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2026([10]) tagħha, dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru

---

[5] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Polonja (ĠU C, C/2025/642, l-10 ta' Frar 2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/642/oj.

[6] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Polonja, adottata fil-21 ta' Jannar 2025. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura tad-defiċit eċċessiv tal-Polonja jinsabu hawnhekk: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/poland_en?prefLang=mt.

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: Is-Semestru Ewropew 2026 – il-Pakkett tar-Rebbiegħa COM(2026)200 final.

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, id-19 ta' Marzu 2025, C(2025)2000 final.

[9] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lill-Polonja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali), (ĠU C, C/2025/3971, l-20 ta' Awwissu 2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3971/oj.

[10] Ir-Rapporti ta' Progress Annwali tal-2026 huma disponibbli hawnhekk: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en?prefLang=mt.

Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biennali tal-Polonja dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241. Ir-rapport dwar l-azzjoni meħuda skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv huwa integrat fir-Rapport ta' Progress Annwali.

(10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 3,6 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 3,3 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-PDG reali jikber bi 3,5 % fl-2026 u bi 2,8 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 3,6 % fl-2026 u ta' 2,9 % fl-2027.

(11) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ([11]), id-defiċit tal-gvern estiż tal-Polonja żdied minn 6,4 % tal-PDG fl-2024 għal 7,3 % tal-PDG fl-2025. Iż-żieda fid-defiċit fl-2025 tirrifletti prinċipalment nefqa ogħla fuq il-konsenji ta' tagħmir militari, il-pagi tas-settur pubbliku u l-benefiċċji soċjali. Fuq il-bażi tal-miżuri politiċi magħrufin fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit ta' 6,5 % tal-PDG fl-2026 u ta' 6,3 % fl-2027. It-tnaqqis fl-2026 jirrifletti prinċipalment ir-restrizzjonijiet fuq in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fuq il-kumpens tal-impjegati u l-investiment, u miżuri diskrezzjonali ġodda li jżidu d-dħul. It-tnaqqis tad-defiċit fl-2027 jirrifletti prinċipalment il-miżuri tad-dħul diskrezzjonali adottati.

(12) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ([12]), li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet espansjonarja, b'1,3 % tal-PDG, fl-2025. Huwa pproġettat li jkun espansjonarju, b'0,3 % tal-PDG fl-2026, u restrittiv, b'1,7 % tal-PDG, fl-2027.

(13) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat([13]), id-defiċit tal-gvern estiż tal-Polonja żdiet minn 54,8 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 59,7 % fi tmiem l-2025. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 tirrifletti prinċipalment id-defiċits għoljin u l-aġġustamenti bejn l-istokk u l-flussi li jżidu d-dejn, relatati mal-investimenti fid-difiża. Fuq il-bażi tal-miżuri politiċi magħrufin fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied għal 64,5 % sa tmiem l-2026 u jkompli jiżdied għal 68,3 % sa tmiem l-2027. Iż-żieda fl-2026 u fl-2027 tirrifletti prinċipalment id-defiċits għoljin u l-aġġustamenti bejn l-istokk u l-flussi li jżidu d-dejn.

(14) Abbażi tad-data tal-Eurostat([14]), in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fil-Polonja ammontat għal 3,4 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, dan huwa pproġettat fl-istess livell fl-2026. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 1,8 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mas-sena ta' referenza tal-2021.

(15) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet tal-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-

---

[11] Eurostat-Indikaturi tal-Euro, it-22 ta' April 2026.

[12] Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fit-terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli (għotjiet) mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħrajn tal-Unjoni.

[13] Eurostat-Indikaturi tal-Euro, it-22 ta' April 2026.

[14] Eurostat, nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wesgħin u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, il-Polonja adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji([15]). Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa u l-VAT fuq il-fjuwils fis-seħħ sal-15 ta' Mejju 2026. Skont it-tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pproġettat li jammonta għal madwar 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,4 % tal-PDG fl-2026.

(16) Fuq il-bażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Polonja kibret bi 8,5 % fl-2025 u bi 22,9 % b'mod kumulattiv tul l-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, u jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,9 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, u tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,2 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Madankollu, id-devjazzjoni pproġettata hija fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali, u tqis iż-żieda attwali għall-infiq fid-difiża.

(17) Fuq il-bażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Polonja hija pproġettata li tikber b'4,0 % fl-2026 u b'27,9 % b'mod kumulattiv tul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipproġettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta pproġettata hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, u tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,0 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Madankollu, id-devjazzjoni pproġettata hija fi ħdan il-flessibbiltà tal-klawżola liberatorja nazzjonali bbażata fuq il-proġettazzjonijiet attwali għall-infiq fid-difiża.

(18) In-nefqa pubblika kibret b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, xprunata minn diversi prijoritajiet ta' politika, inkluża żieda fl-infiq fuq id-difiża u l-politika soċjali. Fl-2025, hija laħqet il-50,9 % tal-PDG, ogħla mill-medja tal-UE ta' 49,5 % tal-PDG. L-effiċjenza tal-finanzi pubbliċi tibqa' sfida peress li l-benefiċċji soċjali fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex immirati u mhumiex soġġetti għal test tal-mezzi fil-livell tal-unitajiet domestiċi, u dan jirriżulta f'sistema ta' protezzjoni soċjali b'setgħa ridistributtiva limitata. Ir-rieżamijiet tal-infiq imwettqa mill-2024 'il quddiem kellhom impatt limitat f'termini ta' riallokazzjonijiet tal-infiq.

(19) Minbarra r-razzjonalizzazzjoni tan-nefqa, hemm bżonn ta' sorsi ta' dħul biex jiġu bbilanċjati mill-ġdid il-finanzi pubbliċi u biex id-dejn pubbliku jibqa' sostenibbli. Id-dħul mit-taxxa bħala perċentwal tal-PDG għadu konsiderevolment taħt l-aggregat tal-UE, minkejja żieda gradwali osservata fl-2024 u l-2025. It-taħlita tat-taxxa tal-Polonja hija kkaratterizzata minn dipendenza relattivament baxxa fuq it-tassazzjoni tax-xogħol, bi dħul mit-taxxa fuq l-introjtu personali ferm taħt il-medja tal-UE, filwaqt li t-taxxi fuq il-konsum u l-kapital jammontaw għal sehem ogħla mid-dħul totali. Il-bażi għat-taxxa tista' titwessa' biex tinkludi sorsi ġodda mingħajr ma xxekkel it-tkabbir ekonomiku. Biex jiġi mobilizzat dħul addizzjonali, huma meħtieġa wkoll sforzi aktar

[15] Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (l-4 ta' Mejju 2026).

b'saħħithom biex tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa. Filwaqt li d-diskrepanza fil-konformità fit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) naqset, din għadha sostanzjali. Diskrepanza kbira fil-konformità hija stmata wkoll fit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu.

(20) Qed tidher xejra ta' tnaqqis fl-adegwatezza tal-benefiċċji tal-pensjoni. Il-proporzjon tal-benefiċċji - il-pensjoni medja mal-paga medja — naqas minn 66 % fl-2005 għal 55 % fl-2024. Skont l-istimi fir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2024, il-limitazzjoni tat-tnaqqis ulterjuri fil-proporzjon tal-benefiċċji pproġettat b'politika mhux mibdula tkun tinvolvi 2,5 punti perċentwali ta' nfiq ogħla fuq il-pensjonijiet tal-PDG sal-2045. Dan ipoġġi f'riskju s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Huwa stmat li sal-2040 nofs il-pensjonanti jkunu qed jirċievu benefiċċju tal-irtirar li jkun daqs il-minimu statutorju. Dan ikun minnu l-aktar għan-nisa li l-parteċipazzjoni baxxa tagħhom fis-suq tax-xogħol (48,3 % meta mqabbla ma' 59,4 % fl-UE, ta' bejn il-55 u l-64 sena) tirrifletti l-età statutorja tal-irtirar aktar baxxa tagħhom. Barra minn hekk, il-persuni li jaħdmu għal rashom li jħallsu l-kontribuzzjonijiet minimi tal-pensjoni u dawk b'kuntratti tad-dritt ċivili li jkopru l-primjum tal-pensjoni taħt il-limitu minimu huma wkoll f'riskju ta' faqar fil-pensjoni. Is-sistema tal-pensjonijiet hija kkaratterizzata wkoll minn frammentazzjoni għolja b'reġimi speċjali għaljin għal professjonijiet partikolari. KRUS, l-akbar sistema speċjali tal-pensjonijiet, hija ddedikata għall-bdiewa, li jirrappreżentaw aktar minn 10 % tal-pensjonanti u l-persuni rtirati kollha fil-Polonja, u hija ssussidjata bil-qawwi mill-baġit tal-Istat (madwar 0,7 % tal-PDG fl-2025). Il-kontribuzzjonijiet soċjali mill-bdiewa fuq skala kbira ma jirriflettux il-livelli ta' introjtu tagħhom, u dan jaffettwa l-adegwatezza tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, ir-regoli li jirregolaw l-intitolamenti tal-pensjoni fil-KRUS u l-kalkolu tat-trasferimenti tal-kapital tal-pensjoni għas-sistema ġenerali tal-pensjonijiet ma jinċentivawx lill-bdiewa, b'mod partikolari dawk b'perjodi kontributorji sinifikanti fil-KRUS, biex jaqilbu għall-iskema ġenerali. Professjonijiet oħrajn, bħas-servizzi bl-uniformi jew l-imħallfin u l-prosekuturi, jirċievu pensjonijiet mingħajr ma jħallsu kontribuzzjonijiet, u għalhekk jiddependu bis-sħiħ fuq is-sussidji tal-baġit tal-Istat.

(21) L-involviment sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali, tas-soċjetà ċivili u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata responsabbiltà wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(22) L-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) fil-Polonja, miexja b'pass iktar mgħaġġel mill-medja fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll f'termini ta' ħlas. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Il-Polonja diġà qiegħda tieħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu aktar tisħiħ fl-implimentazzjoni, inklużi dawk relatati mad-diżakkoppjament tal-fjuwils fossili u t-tranżizzjoni ġusta. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Polonja fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni,

b'mod partikolari dawk marbutin mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu([16]), jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv.

(23) Il-Polonja qed tiffaċċja bosta sfidi relatati mas-simplifikazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija, il-ġestjoni tal-klima u tal-ilma, il-ħiliet u l-edukazzjoni, l-inklużjoni ta' gruppi żvantaġġati u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, u l-akkomodazzjoni.

(24) Filwaqt li għandha qafas regolatorju ġeneralment favur il-kompetizzjoni, il-Polonja għadha qed tiffaċċja xi sfidi fir-rigward tal-kumplessità leġiżlattiva u tal-iżgurar ta' qafas istituzzjonali effettiv. 71 % tan-negozji jikkunsidraw ir-regolamenti tan-negozju bħala ostaklu għall-kumpanija tagħhom meta jinvestu fil-Polonja ([17]) u l-kostijiet li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, jiffaċċjaw biex jikkonformaw mas-sistemi tax-xogħol u tat-taxxa huma komparattivament għoljin. Skont l-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, is-sehem tal-kumpaniji fil-Polonja li jallokaw aktar minn 10 % tal-persunal tagħhom biex jittrattaw ir-rekwiżiti regolatorji naqas b'mod sinifikanti (minn 25 % fl-2024 għal 19 % fl-2025) iżda għadu ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 11 %. Barra minn hekk, l-involviment tas-sħab soċjali fil-proċess leġiżlattiv għadu limitat, u l-partijiet ikkonċernati jirrapportaw nuqqasijiet kontinwi fil-funzjonament tal-Kunsill tad-Djalogu Soċjali. Is-sistema tal-akkwist pubbliku għadha tbati mill-għadd baxx ta' kumpaniji li jissottomettu l-offerti, kif ukoll minn proċeduri twal u kumplessi. It-tisħiħ ulterjuri tad-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-akkwist pubbliku u l-ippjanar bil-quddiem, inkluż il-komunikazzjoni ta' pjanijiet ta' akkwist fit-tul, jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi. L-ostakli regolatorji u amministrattivi jaffettwaw il-kummerċ fi ħdan iż-ŻEE ta' oġġetti u servizzi, bir-regoli nazzjonali dwar l-imballaġġ u l-iskart joħolqu piżijiet regolatorji.

(25) Minkejja snin ta' tkabbir ekonomiku robust u standards tal-għajxien imtejba, il-Polonja għadha qed tiffaċċja disparitajiet sinifikanti fl-iżvilupp kemm bejn ir-reġjuni tagħha kif ukoll fi ħdanhom, inkluż bejn iż-żoni urbani u rurali. Il-Lvant tal-Polonja għadu partikolarment żvantaġġat, b'PDG per capita ta' 61,3 % tal-medja tal-UE fl-2024, li jikklassifika fost l-ifqar reġjuni fl-Unjoni. Is-sitwazzjoni tar-reġjuni fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-UE kompliet tiġi aggravata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li żiedet it-tħassib dwar is-sigurtà u l-inċertezza ekonomika, u li naqqset l-attraenza ta' dawn ir-reġjuni kemm għall-investituri kif ukoll għar-residenti. Ħafna żoni, b'mod partikolari dawk barra miċ-ċentri metropolitani ewlenin ibatu minn kapaċità amministrattiva insuffiċjenti u aċċess mhux ugwali għal servizzi pubbliċi essenzjali, inklużi l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-indukrar tat-tfal, u t-trasport, u dan ikompli jnaqqas l-attraenza tagħhom. L-innovazzjoni fir-reġjuni tal-Lvant u tal-Majjistral, inkluż l-investiment innovattiv, hija limitata, u tirrestrinġi t-tkabbir tal-produttività tagħhom u d-disponibbiltà ta' impjiegi ta' kwalità għolja.

(26) It-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-Polonja jiddependu dejjem aktar fuq il-kapaċità tagħha li tisfrutta l-potenzjal tax-xjenza u l-innovazzjoni. Minkejja żidiet kostanti fl-infiq fir-riċerka u l-iżvilupp tan-negozju, l-eżiti tal-innovazzjoni tal-Polonja għadhom limitati, bil-prestazzjoni tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp tilħaq biss il-65,9 % tal-medja tal-UE fl-2025 – titjib ta' 2,6 punti perċentwali mill-2024. Il-kooperazzjoni

16 Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

17 EIB Investment Survey 2025: Poland overview

bejn ix-xjenza u n-negozji hija limitata, u dan inaqqas il-kapaċità tal-Polonja li tikkummerċjalizza r-riċerka tagħha. Din il-kwistjoni hija amplifikata minn inċentivi insuffiċjenti għar-riċerkaturi biex jaħdmu mal-industrija, bħal valwazzjoni inadegwata tar-riżultati tal-kummerċjalizzazzjoni fl-evalwazzjoni tal-attività xjentifika. Se jkun essenzjali li l-karrieri fir-riċerka jsiru aktar attraenti u li l-istituzzjonijiet xjentifiċi jkomplu jiġu mmodernizzati. L-isforzi biex tingħata spinta lill-innovazzjoni jeħtieġ li jinkludu l-aġġornament u s-simplifikazzjoni tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. L-iżvilupp ulterjuri ta' ambjent li jappoġġa t-trasferiment tat-teknoloġija, il-bini u l-espansjoni tan-negozji l-ġodda, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għal finanzjament stabbli u affidabbli huma fost il-passi ewlenin lejn il-kisba ta' ekosistema tal-innovazzjoni bi prestazzjoni għolja.

(27) Minkejja progress tajjeb, l-isfidi għadhom relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u d-disponibbiltà tagħhom għaċ-ċittadini u n-negozji, li għadha taħt il-medja tal-UE, b'mod partikolari għaċ-ċittadini fejn il-Polonja għandha punteġġ ta' 71 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 82. Il-limitazzjonijiet fl-interoperabbiltà, il-kondiviżjoni tad-data bejn is-sistemi tal-gvern u l-prinċipju ta' darba biss fil-ġbir tad-data jimminaw l-esperjenza tal-utent u jnaqqsu l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li setturi bħall-ġustizzja jibbenefikaw minn aktar diġitalizzazzjoni biex jittejbu l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà. Il-Polonja għadha ma sfruttatx bis-sħiħ l-iskambju transfruntier tad-data, u tilfet opportunitajiet biex tissimplifika l-proċeduri amministrattivi, b'mod partikolari permezz ta' użu akbar ta' formati tad-data strutturati.

(28) L-adozzjoni diġitali tal-Polonja fost l-SMEs għadha taħt il-medja tal-UE, u tillimita l-produttività u l-innovazzjoni. Filwaqt li s-sehem żdied, 59 % biss tal-SMEs Pollakki laħqu livell bażiku ta' intensità diġitali fl-2025 (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 71,4 %). L-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, bħall-IA, għadha lura wkoll, u dan jista' jxekkel it-tkabbir futur. Il-Polonja tibbenefika minn stimulazzjoni ulterjuri tal-investiment u appoġġ speċjalizzat għall-għarfien fid-diġitalizzazzjoni, il-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u t-titjib tal-ħiliet tal-impjegati, kif ukoll il-parteċipazzjoni f'inizjattivi madwar l-UE kollha.

(29) Is-suq tal-akkomodazzjoni tal-Polonja f'dawn l-aħħar snin kien ikkaratterizzat minn provvista baxxa ta' akkomodazzjoni u tnaqqis fl-affordabbiltà. Il-prezzijiet tad-djar u l-kirjiet ilhom jiżdiedu b'mod rapidu mill-2015, b'mod partikolari fil-bliet. L-investiment fl-akkomodazzjoni għadu l-aktar wieħed baxx fl-UE, filwaqt li l-kwalità u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għadhom ta' sfida, b'rati għoljin ta' affollament eċċessiv. Biex dan jiġi indirizzat, hija meħtieġa firxa wiesgħa ta' miżuri, b'enfasi fuq il-politiki min-naħa tal-provvista, inkluż it-titjib tar-regolamenti tas-suq tal-akkomodazzjoni biex tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni affordabbli, tittejjeb il-kwalità tagħha, u titnaqqas l-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-akkomodazzjoni.

(30) Il-politiki tal-akkomodazzjoni tal-Polonja huma frammentati. Diversi programmi huma mifruxa f'ministeri differenti bi prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin, u ma hemm l-ebda korp li jikkoordina l-politika tal-akkomodazzjoni fil-livell ċentrali. Ma hemm l-ebda analiżi ċentralizzata tal-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni u tal-istokk eżistenti (inkluż fil-livell lokali). Biex dan tindirizzah, il-Polonja jkollha tintroduċi koordinazzjoni tal-politika tal-akkomodazzjoni fil-livell ċentrali u bejn l-amministrazzjonijiet ċentrali u lokali, u toħloq strateġija għall-akkomodazzjoni fit-tul b'perkors ċar biex tindirizza t-tnaqqis fl-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni, ittejjeb il-kwalità tal-akkomodazzjoni, u timplimenta għodod ta' monitoraġġ (flimkien ma' mekkaniżmu ta' ġbir ta' data f'diversi livelli li jiffoka fuq

proprjetajiet vojta) biex tidentifika u timmira aħjar l-istokk u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-akkomodazzjoni lokali.

(31) L-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali, muniċipali u affordabbli fil-Polonja huwa baxx, u l-gruppi vulnerabbli jiffaċċjaw ostakli speċifiċi (inklużi restrizzjonijiet ta' diskriminazzjoni u aċċessibbiltà). Id-distakk kbir fil-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni jikkontribwixxi għan-nuqqas ta' akkomodazzjoni u aċċess limitat għall-akkomodazzjoni għal gruppi bi ħtiġijiet speċifiċi. Sabiex iżżid il-provvista tal-akkomodazzjoni, ittejjeb il-kwalità tagħha u timmira aħjar lejn il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi, il-Polonja jkollha tespandi u timmodernizza s-sistema u l-programmi soċjali u affordabbli tagħha ta' akkomodazzjoni għall-kiri, bi strateġija u finanzjament stabbli u fit-tul għall-programmi ta' akkomodazzjoni muniċipali, tintroduċi programmi għar-rinnovazzjoni ta' bini vakanti u r-riabilitazzjoni tagħhom f'akkomodazzjonijiet, tespandi l-Aġenziji tal-Kiri Soċjali, u tiżviluppa soluzzjonijiet immirati lejn l-akkomodazzjoni għall-gruppi vulnerabbli bħall-anzjani, il-persuni b'diżabilità u l-persuni bla saqaf.

(32) Ir-regolamenti tal-Polonja relatati mal-liġijiet dwar il-kera u l-kostruzzjoni u l-applikazzjoni tagħhom għandhom impatt negattiv fuq il-provvista tal-akkomodazzjoni u l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli. Il-protezzjoni legali u d-drittijiet fis-suq tal-kiri huma żbilanċjati, peress li l-leġiżlazzjoni attwali ma tipproteġix b'mod adegwat u ugwali d-drittijiet la ta' sidien il-kera u lanqas tal-inkwilini. Sidien il-kera jiffaċċjaw proċeduri ta' żgumbrament fit-tul u għaljin anke meta l-inkwilini jiksru l-kuntratt tal-kiri tagħhom, filwaqt li l-inkwilini jistgħu jiġu affettwati minn instabbiltà tal-kiri fit-tul, peress li l-liġi ma tirregolax iż-żidiet fil-kera b'mod ċar u l-perjodi ta' avviż spiss ma jiġux rispettati. Approċċ aktar ibbilanċjat għad-drittijiet ta' sidien il-kera u s-sigurtà tal-inkwilini u titjib tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti jiffaċilitaw il-kiri stabbli u fit-tul. Il-proċeduri regolatorji fis-settur tal-kostruzzjoni jistgħu jittejbu wkoll biex il-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni ssir aktar rapida u inqas għalja.

(33) Il-Polonja tibqa' wieħed mill-ftit Stati Membri li jibbażaw it-taxxa fuq il-proprjetà fuq rata fissa massima baxxa ħafna stabbilita ċentralment bil-liġi, aktar milli fuq il-valur ta' proprjetà. Dan joħloq reġim tat-taxxa fuq il-proprjetà rigressiv u jikkontribwixxi għad-domanda spekulattiva għall-investiment, peress li l-proprjetajiet jiġu ntaxxati b'mod sinifikanti inqas minn assi finanzjarji aktar riskjużi bħall-istokks, u dan iżid l-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-proprjetà. Dan jista' jiġi indirizzat billi jiġi emendat ir-reġim tat-tassazzjoni lejn tassazzjoni bbażata fuq il-valur tal-art jew tal-proprjetajiet (permezz ta' taxxa fuq il-valur tal-art jew taxxa katastali fuq il-proprjetà), li ttejjeb il-progressività tagħha u tindirizza l-inċentivi li jikkontribwixxu għal prezzijiet tal-akkomodazzjoni li qed jogħlew b'mod rapidu u provvista baxxa minħabba proprjetajiet jew artijiet vojta jew mhux utilizzati biżżejjed.

(34) Minkejja l-isforzi reċenti, il-konġestjonijiet fil-grilja għadhom qed inaqqsu l-pass tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Fl-2025, ġew miċħuda talbiet għal konnessjoni għal madwar 42 GW ta' kapaċità rinnovabbli. Dan huwa ogħla mill-kapaċità totali installata ta' sorsi rinnovabbli fil-Polonja. Biex jindirizza dawn il-konġestjonijiet, l-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni għandu l-għan li jipprijoritizza l-investimenti fin-networks ta' trażmissjoni, fit-trażmissjoni mit-Tramuntana għan-Nofsinhar kif ukoll fil-kurituri ddedikati għal kapaċitajiet ġodda li bħalissa qed jiġu żviluppati (kemm fil-baħar kif ukoll nukleari), fl-integrazzjoni tan-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u f'soluzzjonijiet ta' flessibbiltà. Huwa meħtieġ sforz addizzjonali biex tittejjeb il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija Pollakka, inkluż permezz tal-kummerċ transfruntier tal-elettriku, biex jiġi evitat it-tnaqqis tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jittaffew iż-

żidiet qawwija fil-prezzijiet matul il-ħinijiet l-aktar intensivi. Il-livell attwali ta' interkonnessjoni transfruntieri huwa baxx, bil-Harmony Link mal-Litwanja jkun l-uniku proġett li għaddej bħalissa. Ir-restrizzjonijiet tal-allokazzjoni tal-kapaċità ddiżakkoppjaw b'mod sistematiku l-prezzijiet tal-elettriku Pollakki mis-suq tal-UE u issa qed jikkontribwixxu għal prezzijiet ogħla. Filwaqt li l-użu tar-restrizzjonijiet ta' allokazzjoni qed jara xi tnaqqis, il-frekwenza tal-attivazzjoni tar-restrizzjonijiet ta' allokazzjoni hija inkwetanti peress li fl-aħħar mill-aħħar twassal għal tnaqqis fir-RES.

(35) Minħabba d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili għaljin għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u nuqqas ta' flessibbiltà u interkonnettività mhux fossili, il-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa tal-Polonja kellhom medja tad-disa' l-ogħla fl-UE fl-2025, u b'hekk illimitaw l-affordabbiltà tal-enerġija. L-implimentazzjoni ulterjuri ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli qed jiffaċċja wkoll restrizzjonijiet mhux relatati mal-grilja. Fil-prezzijiet bl-imnut, il-piż tat-taxxa sproporzjonatament għoli fuq l-elettriku (meta mqabbel mal-gass naturali) qed jimmina l-elettrifikazzjoni fil-Polonja, kemm tas-setturi tal-industrija kif ukoll tal-unitajiet domestiċi. Il-konsumaturi industrijali jħallsu madwar tliet darbiet iktar għall-elettriku milli għall-gass, u t-taxxi u l-imposti huma responsabbli għal terz tal-kont tad-dawl tagħhom. Fis-settur tat-tisħin, il-piż tat-taxxa fuq l-elettriku qed jimpedixxi l-implimentazzjoni tal-pompi tas-sħana. Is-settur tal-estrazzjoni tal-faħam tal-Polonja huwa ssussidjat ħafna u jikkonsma riżorsi baġitarji li minflok jistgħu jintużaw biex, fost l-oħrajn, jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u industrijali. Is-sussidji tal-fjuwils fossili li la jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod immirat u lanqas ma jindirizzaw it-tħassib ġenwin ta' sigurtà tal-enerġija jistgħu jitqiesu prijorità ta' eliminazzjoni gradwali.

(36) It-trasformazzjoni industrijali ma għandhiex qafas strateġiku u leġiżlattiv koerenti li jallinja l-inċentivi politiċi, l-ippjanar tal-infrastruttura u l-appoġġ finanzjarju mal-objettivi biex jiġu avvanzati l-investimenti f'setturi prijoritarji. L-interventi ewlenin tad-dekarbonizzazzjoni - l-elettrifikazzjoni, l-implimentazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post, l-użu tal-idroġenu ekoloġiku u l-implimentazzjoni tal-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju - jiġu implimentati b'mod inkrementali aktar milli strutturalment. L-eliminazzjoni gradwali tal-faħam toħloq sfidi ekonomiċi u soċjali kbar għar-reġjuni li għadhom jiddependu fuq il-minjieri u l-industriji intensivi fl-emissjonijiet. Approċċ ikkoordinat għat-trasformazzjoni industrijali se jkun kruċjali biex jittaffa t-telf tal-kompetittività, filwaqt li jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir f'dawn ir-reġjuni.

(37) Kemm it-tisħin distrettwali kif ukoll dak individwali għadhom jiddependu fuq il-faħam, u qed jiffaċċjaw sfidi strutturali ta' dekarbonizzazzjoni. L-enerġija rinnovabbli tipprovdi biss 21 % tal-enerġija użata għat-tisħin u t-tkessiħ fis-setturi kollha. Għaddejja bidla mill-faħam għall-koġenerazzjoni bbażata fuq il-gass fis-settur tat-tisħin distrettwali, iżda l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli għadha lura. Il-faħam għadu jammonta għal 60 % tat-taħlita tat-tisħin distrettwali, filwaqt li l-implimentazzjoni ta' sistemi rinnovabbli u bbażati fuq emissjonijiet baxxi hija limitata għal proġetti ta' dimostrazzjoni u għal ftit bliet iktar żgħar. Il-progress fid-dekarbonizzazzjoni jiddependi fuq id-diversifikazzjoni aċċellerata tas-sors tas-sħana u l-modernizzazzjoni tan-network kif ukoll l-ippjanar biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-użu tas-sħana mormija. Madwar 15 % tal-unitajiet domestiċi Pollakki għadhom jużaw il-faħam għat-tisħin individwali — l-ogħla għadd assolut fl-UE, u dan huwa rifless ukoll f'wieħed mill-agħar livelli tal-kwalità tal-arja fl-UE. Sehem komparabbli tal-unitajiet domestiċi huwa stmat ukoll li jinsab f'riskju ta' faqar enerġetiku minħabba kostijiet għoljin tal-enerġija u effiċjenza dgħajfa tal-bini. Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet

u t-tniġġis tal-arja, huwa kruċjali li jkun hemm sforzi ulterjuri biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-faħam u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika. It-tisħin u t-tkessiħ jammontaw għal 81 % tal-konsum tal-enerġija residenzjali.

(38) Il-bidla lejn trasport sostenibbli għadha ta' sfida fil-Polonja, bl-emissjonijiet mit-trasport bit-triq kważi rduppjaw f'dawn l-aħħar żewġ deċennji. L-adozzjoni ta' vetturi elettriċi fit-trasport privat u tal-merkanzija qed tikber bil-mod minħabba inċentivi insuffiċjenti, inkluża l-infrastruttura fiskali, u tal-iċċarġjar. L-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-iżvilupp ta' trasport pubbliku b'emissjonijiet żero u intermodali jistgħu jappoġġaw ulterjorment l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, filwaqt li jippromwovu konnettività aħjar.

(39) Il-Polonja hija vulnerabbli għal riskji għoljin ta' nixfa, għargħar, mewġiet ta' sħana u avvenimenti ta' temp estrem, li jheddu s-sigurtà ekonomika u l-benesseri tan-nies. Il-Polonja għad ma għandhiex strateġija nazzjonali aġġornata ta' adattament għat-tibdil fil-klima, bl-informazzjoni mill-aħħar valutazzjoni tar-riskju disponibbli. Il-ħidma biex tiġi aġġornata l-istrateġija adottata fl-2013 mistennija tiġi ffinalizzata biss fl-2027. Dan ifixkel l-ippjanar tal-isforzi ta' adattament u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fir-rigward tal-indirizzar tal-ħtiġijiet akuti tat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima. It-tibdil fil-klima jaggrava r-riskji ambjentali, u r-riżorsi tal-ilma u l-ekosistemi huma partikolarment vulnerabbli. It-tniġġis tal-ilma bla tnaqqis mill-attività industrijali flimkien ma' temperaturi ogħla għadu sfida kritika, li thedded ir-riżorsi tal-ilma ħelu. Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi jitolbu inċentivi aktar b'saħħithom, inklużi dawk finanzjarji u f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", biex jiġi limitat it-tniġġis u jiġi promoss l-użu sostenibbli. Ir-riżorsi naturali huma wkoll fattur fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, iżda l-assorbimenti tal-karbonju fil-Polonja mhumiex ambizzjużi biżżejjed biex jilħqu l-mira tagħha għall-2030 għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija. Huma meħtieġa politiki addizzjonali biex titrawwem l-agrikoltura sostenibbli tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri u l-ġestjoni tal-insedjamenti urbani.

(40) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fl-oqsma tal-ħiliet u l-edukazzjoni, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Polonja jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

(41) It-tnaqqis fil-ħiliet bażiċi u ż-żieda fl-inugwaljanzi fl-edukazzjoni għadhom sfida. Mill-2018 'l hawn, il-progress insuffiċjenti fost iż-żgħażagħ ta' 15-il sena fil-ħiliet bażiċi żdied aktar mill-medja tal-UE. Għad hemm disparitajiet reġjonali kemm fir-rigward tal-eżiti edukattivi kif ukoll fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni. L-edukazzjoni inklużiva toħloq sfidi, bi proporzjon għoli ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali f'ambjenti segregati. Biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-istudenti b'diżabilità lejn l-edukazzjoni ordinarja, il-Polonja tibbenefika mill-iżvilupp ta' strateġija edukattiva inklużiva, servizzi ta' appoġġ imsaħħa, u taħriġ immirat lejn l-għalliema. L-iżvilupp ta' approċċ strateġiku fit-tul għall-edukazzjoni inklużiva jiffaċilita l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, l-implimentazzjoni ta' miżuri komprensivi kif ukoll it-twessigħ tal-aċċess għall-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha. Barra minn hekk, ħiliet ekoloġiċi u diġitali insuffiċjenti jkomplu jaġixxu bħala ostakli għat-tranżizzjoni doppja. Pereżempju, nofs il-popolazzjoni Pollakka ta' bejn is-16 u l-74 sena biss kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2025, li hu taħt il-medja tal-UE. Il-Polonja tista' tibbenefika minn approċċ aktar olistiku biex

tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja kif ukoll, b'mod aktar ġenerali, minn monitoraġġ u evalwazzjoni aktar mill-qrib tar-riformi u l-investimenti fil-ħiliet fil-livelli kollha.

(42) Il-Polonja għadha qed tħabbat wiċċha ma' reġistrazzjoni persistentement baxxa u sehem baxx ta' gradwati fil-programmi ta' studju tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), li jillimitaw il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-pajjiż. Approċċ aktar integrat lejn l-istudji STEM (inkluż sensibilizzazzjoni aħjar dwar il-karrieri, mentoraġġ, kuntatt ma' gruppi żvantaġġati) ikun ta' benefiċċju wkoll biex l-istudenti (speċjalment in-nisa) ikunu mħeġġa jsegwu karrieri STEM.

(43) Li l-għalliema jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa u li tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni tagħhom tibqa' sfida ewlenija fl-indirizzar tat-tnaqqis fil-ħiliet bażiċi. In-nuqqas ta' għalliema għadu hemm u jista' jmur għall-agħar hekk kif jippersistu l-isfidi biex jiġi attratt u jinżamm persunal ġdid. Barra minn hekk, is-sehem baxx ta' għalliema ta' taħt it-30 sena fl-iskejjel sekondarji inferjuri jenfasizza l-ħtieġa għal perkorsi tal-karriera aktar attraenti għall-għalliema. Biex tiffaċilita implimentazzjoni tar-riforma tal-kurrikuli li tirnexxi u biex ttejjeb il-prospetti tal-karriera tal-għalliema, il-Polonja jkollha bżonn tiżgura forza tax-xogħol tal-għalliema b'biżżejjed persunal, modernizzazzjoni tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u investiment sostnut fl-iżvilupp professjonali tagħhom (inkluż fil-kuntest tal-edukazzjoni inklużiva).

(44) Għad hemm tħassib dwar l-effettività relattivament baxxa tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), minkejja rati għoljin ta' parteċipazzjoni. Ir-rata ta' impjieg tal-gradwati reċenti tal-ETV naqset u għadha taħt il-medja tal-UE. L-identifikazzjoni tal-kawżi ewlenin ta' eżiti iktar fqar tal-impjieg tal-gradwati tal-ETV, jiġifieri f'termini ta' ħiliet bażiċi baxxi, rilevanza limitata għas-suq tax-xogħol tal-programmi u nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet, u pjan ta' azzjoni ddedikat għal hekk u bbażat fuq l-evidenza biex jindirizzahom jistgħu jtejbu s-sitwazzjoni tal-gradwati tal-ETV. Dan jista' jiġi kkomplementat minn miżuri li jsaħħu l-kwalità tat-tagħlim (inkluż l-indirizzar tan-nuqqas ta' għalliema u l-lakuni fit-taħriġ), jallinjaw aħjar il-kurrikuli mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż għall-ħiliet diġitali u ekoloġiċi u jsaħħu l-koordinazzjoni mal-politiki tat-tagħlim għall-adulti. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għadha ferm taħt il-medja tal-UE, speċjalment fit-tagħlim mhux formali, bi progress limitat biss miksub s'issa. Għoxrin fil-mija biss tal-popolazzjoni adulta ħadet sehem fit-tagħlim fl-2024, u dan hu ferm taħt il-medja tal-UE u l-mira tal-2030. Is-sistema tat-tagħlim għall-adulti għadha frammentata minħabba governanza mifruxa fost il-ministeri u l-atturi reġjonali, kif ukoll minħabba dipendenza qawwija fuq il-finanzjament ibbażat fuq il-proġetti. Dan jikkontribwixxi għal koerenza limitata tas-sistema. Għalhekk, is-sistema tista' tibbenefika minn koordinazzjoni u finanzjament aktar b'saħħithom fil-livell nazzjonali.

(45) L-integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol tkompli toħloq sfidi. Id-diżabbiltà u l-mard għadhom xprun ewlieni tal-inattività: id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kompliet tiżdied minn 33,9 punti perċentwali fl-2023 għal 35,6 punti perċentwali fl-2024. Il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-forza tax-xogħol hija kemm kemm aktar minn 50 %. Sar progress fir-regolamentazzjoni u t-titjib tal-aċċess għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal, fil-biċċa l-kbira bl-appoġġ tal-fondi tal-FSE+ u tal-RRF, iżda l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha baxxa u affettwata minn disparitajiet reġjonali. Il-ħiliet tal-ħaddiema minn barra l-UE għadhom mhux qed jintużaw biżżejjed fis-suq tax-xogħol. Fl-2023, kważi ċittadin mhux tal-UE wieħed minn kull tnejn ħadem taħt il-livell ta' kwalifika tiegħu, minkejja l-parteċipazzjoni għolja tagħhom fis-suq tax-xogħol. Hemm lok biex jitkomplew l-

isforzi biex tiżdied l-effettività tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi biex jiġi pprovdut appoġġ aktar immirat biex jgħin fl-integrazzjoni tal-gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol.

(46) Il-proporzjon ta' kuntratti tad-dritt ċivili fl-impjiegi totali qed jiżdied. Barra minn hekk, il-persuni li jaħdmu għal rashom li ma jimpjegawx persunal jammontaw għal sehem sinifikanti mill-impjiegi totali, u dan jaqbeż il-medja tal-UE. Iż-żewġ gruppi mhumiex koperti bis-sħiħ mill-protezzjoni soċjali, peress li l-assigurazzjoni tal-mard hija volontarja u hemm dispożizzjonijiet legali li jippermettu primjums tas-sigurtà soċjali mnaqqsa, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-benefiċċji futuri, inklużi l-pensjonijiet. Dan jirriżulta f'arbitraġġ tat-taxxa (taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) f'tipi differenti ta' kuntratti, bil-porzjon tat-taxxa jiżdied mal-introjtu. Filwaqt li r-rata ta' negozjar kollettiv hija l-aktar baxxa fl-UE, din tintuża b'mod aktar komuni fil-livell tal-kumpaniji milli fil-livell settorjali, li kumplessivament iddgħajjef il-pożizzjoni ta' negozjar tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom.

(47) Is-servizzi tal-kura fit-tul mhumiex ippreparati biex jindirizzaw l-isfidi demografiċi li qed jikbru. In-nefqa pubblika fuq il-kura fit-tul għadha baxxa u fil-biċċa l-kbira allokata għall-kura residenzjali (ferm ogħla mill-medja tal-UE), filwaqt li l-programmi mmirati lejn l-iżvilupp tal-kura fid-djar jew il-kura bbażata fil-komunità għadhom sottofinanzjati jew dipendenti ħafna fuq il-finanzjament tal-UE. Dan jissarraf fi spejjeż għoljin mill-but għall-persuni fil-bżonn u dipendenza għolja fuq il-kura informali għas-servizzi bbażati d-dar. Il-Polonja tibbenefika mit-titjib tal-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul u l-aċċess għalihom, b'mod partikolari tal-kura fid-djar u l-kura bbażata fil-komunità, inkluż billi żżid il-finanzjament relatat u s-sostenibbiltà tiegħu.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Tkompli taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025, bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv, filwaqt li tintuża l-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali għal nefqa ogħla għad-difiża. Issaħħaħ l-infiq fid-difiża u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiżgura l-effiċjenza fl-infiq u gradwalment tadatta l-baġit biex issostni nfiq strutturalment ogħla fid-difiża. Tiżgura li kwalunkwe miżura li tittieħed biex tnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tkun temporanja, immirata lejn il-ħarsien tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kumpaniji b'użu intensiv tal-enerġija, tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tiżgura li l-kost fiskali tagħha jkun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Ittejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, inkluż permezz ta' mmirar aħjar tal-benefiċċji soċjali u tal-estensjoni tal-kopertura tar-rieżamijiet tal-infiq. Tkabbar id-dħul tal-gvern estiż inkluż billi żżid ir-rwol tas-sorsi li huma inqas detrimentali għat-tkabbir u ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa. Ittejjeb l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tippreserva s-sostenibbiltà fit-tul billi żżid l-età effettiva tal-irtirar, tindirizza l-faqar tal-pensjonijiet tan-nisa u tal-persuni li jaħdmu għal rashom u tirriforma l-iskemi speċjali tal-pensjonijiet.

2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni skont il-programmi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li, meta jkun xieraq, tibni fuq ir-riallokazzjoni għall-prijoritajiet strateġiċi u l-flessibbiltajiet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni. Tindirizza l-isfidi soċjoekonomiċi, tas-sigurtà u tal-preparatezza ċivili uniċi li jaffettwaw b'mod partikolari lir-reġjuni fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-UE.

3. Tissimplifika r-regolamentazzjoni, ittejjeb l-għodod regolatorji u tiżgura li l-qafas legali jkun stabbli u ċar. Tinkoraġġixxi l-kompetizzjoni fil-proċessi tal-akkwist pubbliku, u tagħmilhom aktar effiċjenti u inqas ikkumplikati, u tiżgura ppjanar fit-tul għall-akkwist pubbliku. Issaħħaħ ir-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju billi jinħolqu inċentivi aktar qawwijin għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u billi tinbena sensiela effiċjenti ta' proġetti lesti għall-investiment. Timmodernizza s-sistema tar-riċerka pubblika, tagħmel il-karrieri fir-riċerka aktar attraenti u tiżgura finanzjament sostenibbli għar-riċerka u l-innovazzjoni. Tagħmel l-ambjent tan-negozju aktar favorevoli għall-innovazzjoni, inkluż għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu. Tnaqqas id-disparitajiet territorjali b'mod partikolari permezz ta' aktar aċċess u kwalità ogħla għas-servizzi u l-infrastruttura pubbliċi kif ukoll fir-riċerka u l-innovazzjoni. Tibni l-kapaċità amministrattiva u ttejjeb l-effiċjenza billi tingrana l-interoperabbiltà tas-servizzi elettroniċi u l-prinċipju tal-ġbir tad-data ta' darba biss għad-diġitalizzazzjoni. Iżżid l-intensità diġitali tal-SMEs, filwaqt li tipprijoritizza l-appoġġ għat-teknoloġiji avvanzati. Iżżid il-provvista u l-kwalità tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali permezz ta' koordinazzjoni u strateġiji effiċjenti tal-politika tal-akkomodazzjoni, programmi estiżi ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, regolamenti mtejba, u tassazzjoni fuq il-proprjetà riveduta.

4. Tagħti spinta lill-flessibbiltà u l-kapaċità tal-grilja tas-sistema tal-enerġija, iżżid l-interkonnessjonijiet transfruntieri u l-kambju tal-elettriku, u tneħħi r-restrizzjonijiet fuq l-implimentazzjoni ulterjuri ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Tippromwovi sinjali bbilanċjati tal-prezzijiet tal-elettriku biex tinċentiva l-elettrifikazzjoni u telimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili, speċjalment dawk relatati mal-estrazzjoni tal-faħam. Tippermetti trasformazzjoni industrijali nadifa u trawwem strateġiji ta' tranżizzjoni orjentati lejn l-innovazzjoni għar-reġjuni dipendenti fuq il-faħam. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-settur tat-tisħin flimkien mal-modernizzazzjoni termali tal-bini. Tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport flimkien mal-infrastruttura abilitanti. Tibni r-reżiljenza għall-klima permezz ta' governanza funzjonali tal-adattament, ir-restawr tal-ekosistema u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali.

5. Trawwem edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva u tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Iżżid il-parteċipazzjoni fl-oqsma STEM fl-edukazzjoni għolja u tindirizza n-nuqqas ta' għalliema u l-kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema. Tkompli ssaħħaħ l-effettività tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Tiffaċilita u żżid il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim. Iżżid il-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ta' persuni b'diżabilità, inkluż billi tipprovdi appoġġ imfassal apposta għas-suq tax-xogħol. Tnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali billi tindirizza l-arbitraġġ tat-taxxa bejn it-tipi ta' kuntratti u ttejjeb l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Iżżid l-aċċess u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*